C/2026/4993

30.9.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/4993)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Λευκωσία"

Nru ta' referenza tal-UE: PGI-CY-A1621-AM02 — 1.7.2026

1. **Isem il-prodott**

Λευκωσία

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Ċipru

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru tal-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent - Id-Dipartiment tal-Agrikoltura - it-Taqsima tal-Vitikultura u l-Enoloġija

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-emendi jikkonċernaw (a) id-deskrizzjoni tal-inbid, (b) il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid klassifikati li minnhom jiġi prodott l-inbid, u (c) ir-rendimenti massimi għal kull ettaru.

L-emendi standard inkwistjoni jaqgħu taħt l-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-għan ta' dawn l-emendi standard huwa li tittejjeb l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) Λευκωσία, mingħajr ir-riskju li titħassar ir-rabta maż-żona ġeografika stabbilita fid-dokument uniku jew li tinvolvi restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

L-emenda ma tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem jew tal-kategorija tal-prodott [kif stabbilit għall-inbid fl-Artikolu 24(3)(a)(ii) tar-Regolament (UE) 2024/1143].

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Deskrizzjoni tal-emendi

Deskrizzjoni

L-emendi standard jinkludu:

(a) riformulazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u/jew nazzjonali fis-seħħ dwar il-karatteristiċi analitiċi, speċifikament li jissostitwixxu l-medji b'limiti minimi u massimi għall-parametri meħtieġa għall-inbejjed bojod, kif ukoll iż-żieda ta' limiti minimi u massimi għall-parametri meħtieġa għall-inbejjed rożè u ħomor;

(b) riformulazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi, speċifikament il-parametri tal-"apparenza", l-"aroma" u t-"togħma" għall-inbejjed bojod ġew supplimentati/ikkoreġuti b'deskrizzjonijiet sħaħ, u l-kwalitajiet organolettiċi tal-inbejjed rożè u ħomor ġew miżjuda;

(c) aġġornament tal-varjetajiet speċifiċi tal-għeneb tal-inbid, inkluża l-korrezzjoni tal-ismijiet f'konformità mal-klassifikazzjoni nazzjonali l-ġdida fis-seħħ u l-varjetà "Vasilissa" ġiet miżjuda;

(d) ir-rendimenti massimi għal kull ettaru ġew differenzjati/ikkoreġuti skont it-tip ta' nbid (abjad, rożè u aħmar).

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

"Λευκωσία"

Nru ta' referenza tal-UE: PGI-CY-A1621-AM02 — 1.7.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Λευκωσία

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Ċipru

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbid abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Fit-tazza, l-inbid ikun ta' kulur isfar ċar li jagħti fl-aħdar u li jista' jsir aktar isfar wara l-estrazzjoni qabel il-fermentazzjoni f'temperatura baxxa, segwit minn tqaddim possibbli wara l-fermentazzjoni fuq in-naqal u tħawwid (*sur lies* u *bâtonnage*), u/jew tqaddim f'bittija tal-injam jew fil-flixkun.

Aroma

Il-fwieħa tikkonsisti minn aromi ta' frott bil-polpa bajda, frott tropikali u fjuri skont il-varjetajiet li minnhom jiġi prodott u t-teknika tal-produzzjoni tal-inbid użata, u possibbilment noti ta' ħwawar wara l-maturazzjoni/t-tqaddim fi btieti tal-injam.

Togħma

Fuq il-palat l-inbid huwa robust minħabba l-alkoħol naturali, il-mineralità u l-aċidità vivaċi u jħalli togħma aromatika li ddum għal żmien moderat.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	20
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	10
Aċidità totali minima:	46,6
Unità ta' aċidità totali minima:	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	200

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid aħmar

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza

Fit-tazza l-inbid ikun ċar b'riflessjonijiet vjola u diversi sfumaturi ta' aħmar skur li jista' jsir aħmar lewn il-brikks wara li jitqaddem fil-flixkun.

Aroma

Il-fwieħa hija kumplessa u tikkonsisti minn irwejjaħ ta' frott aħmar u ħxejjex aromatiċi skont il-varjetajiet tal-għeneb li minnhom ġie prodott u t-teknika tal-produzzjoni tal-inbid użata, possibbilment b'noti ta' ħwawar wara l-maturazzjoni/t-tqaddim fi btieti tal-injam.

Togħma

Fuq il-palat, l-inbid huwa robust minħabba l-alkoħol naturali u għandu struttura tajba b'tannini robusti, aċidità bilanċjata u finitura aromatika medja sa twila.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	20
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	11
Aċidità totali minima:	46,6
Unità ta' aċidità totali minima:	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	20
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	150

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid rożè

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza

L-inbid huwa ċar u ta' lewn bejn il-qoxra tal-basla, is-salamun jew il-ward u sfumaturi oħra ta' aħmar.

Aroma

Il-fwieħa tikkonsisti minn aromi ta' bakek ħomor u ħxejjex aromatiċi skont il-varjetajiet tal-għeneb li minnhom jiġi prodott u t-teknika tal-produzzjoni tal-inbid użata.

Togħma

Fuq il-palat l-inbid huwa robust minħabba l-alkoħol naturali, il-mineralità u l-aċidità vivaċi u jħalli togħma aromatika li ddum għal żmien moderat.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	20
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	10
Aċidità totali minima:	46,6
Unità ta' aċidità totali minima:	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	200

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni tal-inbid

Deskrizzjoni

Il-vinji jridu jiddaħħlu fir-reġistru tal-vinji tal-awtorità kompetenti, u jkollhom mhux inqas minn 4 snin, b'mill-inqas 168 pjanta għal kull dekaru.

Kultivazzjoni: b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi matul kull staġun tal-vitikultura.

Żbir: kull staġun tal-vitikultura

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni tal-inbid

Deskrizzjoni

Il-vinifikazzjoni trid issir fiż-żona amministrattiva rilevanti jew fil-viċinanza immedjata.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbid abjad

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	14 000
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbid rożè

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	10 500
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbid aħmar

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	10 500
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Alicante Bouschet

— Altesse

— Cabernet Franc

— Cabernet Sauvignon

— Carignan — Carignan Noir

— Chardonnay

— Chenin Blanc

— Cinsaut — Cinsault, Oeillade

— Gamay — Gamay Noir

— Gewurztraminer — Traminer

— Grenache — Grenache Noir

— Malbec

— Malvasia Bianca

— Malvasia Grossa

— Malvasia Lunga

— Malvasia di Candia — Malvasia Aromatica

— Merlot — Merlot Noir

— Mourvedre — Mataro

— Mueller Thurgau — Muller Thurgau

— Palomino

— Pinot Blanc

— Pinot Noir

— Riesling — Rhine Riesling

— Sangiovese

— Sauvignon Blanc

— Semillon

— Sylvaner

— Syrah — Shiraz

— Ugni Blanc — Trebbiano

— Viognier

— Zinfandel — Primitivo

— Agiorgitiko

— Athiri — Athiri Aspro [Athiri Abjad]

— Athiri Mavro — Mavrathiro

— Assyrtiko

— Vasilissa — Vasilissa Morocanella

— Vertzami — Lefkada

— Vlouriko — Flouriko

— Giannoudi

— Thrapsathiri

— Canella

— Korinthiaki

— Limnio

— Mandilaria

— Maratheftiko — Vamvakada, Pampatzia

— Mavrodaphne

— Mavrotragano

— Mavro – Local Mavro Ambelisimo

— Morocanella

— Moschato Alexandreias — Malaga, Muscat ta' Lixandra

— Moschato Amvourgou — Muscat Iswed, Muscat ta' Hamburg

— Moschato Aspro [Muscat Abjad] — Muscat duotone, Moschato Samou [Muscat ta' Samos]

— Moschato Kyprou [Muscat ta' Ċipru]

— Moschofilero

— Xinomavro

— Xynisteri

— Ophthalmo

— Promara

— Rhoditis / Roditis

— Sultanina / Soultanina — Soultana

— Spourtiko

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

Konfini amministrattivi tad-distrett ta' Nikosija

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq:

☑ reputazzjoni

☑ kwalità distintiva

☑ karatteristiċi oħra

Kategorija tal-prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

Fil-każ tal-indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) Λευκωσία, ir-rabta kawżali bejn l-oriġini ġeografika tal-prodotti tad-dwieli hija dovuta għal fatturi naturali u umani speċifiċi li għandhom impatt qawwi fuq il-karatteristiċi organolettiċi tal-inbejjed prodotti, kif deskritt fit-taqsima "Deskrizzjoni tal-inbejjed"

A. Fatturi naturali

Id-distrett ta' Nikosija jinsab fil-parti tat-Tramuntana taż-żoni ta' Ċipru li fuqhom ir-Repubblika ta' Ċipru teżerċita kontroll effettiv u tmiss mad-distrett ta' Paphos fil-Lbiċ, id-distrett ta' Kyrenia fit-Tramuntana, id-distrett ta' Larnaka fix-Xlokk, id-distrett ta' Famagusta fil-Lvant u d-distrett ta' Limassol fin-Nofsinhar. Ikopri erja ta' 2 717-il kilometru kwadru u jirrappreżenta madwar 30 % tal-erja totali ta' Ċipru.

Karatteristiċi tar-riljiev u tal-ħamrija

Riljiev muntanjuż, xaqlibiet naturali weqfin f'altitudnijiet li jvarjaw minn 500 m sa 1 300 m, fuq inklinazzjoni medja ta' 20° sa 40°, b'ħafna widien dojoq u firxiet ta' muntanji, u ħamrija vulkanika, ġeblija u infertili. L-art ġeneralment tkun iffurmata f'artijiet imtarrġa u tinżamm f'postha minn ħitan tradizzjonali tal-ġebel niexef biex ikunu jistgħu jitħawlu u jiġu kkultivati l-vinji.

Karatteristiċi tal-klima

Il-klima tad-distrett ta' Nikosija ma hijiex differenti mill-klima Mediterranja ġenerali li tikkaratterizza lil Ċipru kollu. It-temperaturi medji jvarjaw skont it-terren u l-altitudni. Il-karatteristiċi ewlenin tal-klima huma s-sjuf sħan u niexfa minn nofs Mejju sa nofs Settembru, u x-xtiewi ħfief minn Novembru sa Frar. Iż-żoni tal-vitikultura ta' Nikosija jinsabu prinċipalment fuq ix-xaqlibiet tat-Tramuntana tal-firxa ta' muntanji Troodos. It-temperatura medja ta' kuljum fis-sajf tvarja bejn 23 °C u 26 °C, u fix-xitwa bejn 7 °C u 8 °C. Hemm medja ta' 8 sigħat ta' xemx kuljum. Ix-xita medja annwali hija bejn 600 u 950 millimetru, bl-akbar ammont ta' xita fix-xhur ta' Diċembru, Jannar, Frar u Marzu, filwaqt li x-xhur l-oħra tas-sena jkollhom ftit xita jew ma jkollhom l-ebda xita. Il-borra ġeneralment tinżel f'żoni b'altitudnijiet ta' aktar minn 1 000 metru fil-perjodu ta' xahrejn minn Diċembru sa Jannar.

Il-kundizzjonijiet għall-istress tal-ilma jinħolqu fid-dwieli mill-fatturi kollha msemmija hawn fuq, speċifikament: il-ħamrija relattivament baxxa u infertili, il-klima sħuna u x-xita baxxa. Ir-rendimenti huma relattivament żgħar, bil-konċentrazzjoni naturali tal-komponenti tagħti l-karattru aromatiku u l-istruttura fil-ħalq karatteristiċi tal-inbejjed tal-oriġini ġeografika, kif deskritt fit-taqsima "Deskrizzjoni tal-inbejjed".

B. Fatturi umani

Peress li l-vinji huma mħawla fuq art infertili u mxaqilba, il-manutenzjoni tagħhom hija partikolarment diffiċli. Il-maġġoranza tal-vinji huma mħawla b'mod irregolari. Id-dwieli ġeneralment jitħarrġu bl-użu tal-metodu tradizzjonali gobelet [f'forma ta' sġajriet] u l-firxa ta' varjetajiet prodotti tinkludi prinċipalment Mavro, Xynisteri u Maratheftiko. Ir-rendimenti massimi ġew stabbiliti mill-produtturi nfushom - il-vitikulturi u l-vinifikaturi - abbażi ta' data empirika miġbura matul iż-żmien u ġew stabbiliti uffiċjalment fl-2004 permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-kostruzzjoni ta' artijiet imtarrġa u ħitan tradizzjonali tal-ġebel niexef jikkostitwixxu wkoll interventi umani sinifikanti f'din iż-żona. Il-prattiki enoloġiċi permessi huma dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE, filwaqt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi l-livelli minimi għall-qawwa alkoħolika naturali skont il-volum.

Interazzjoni kawżali

Il-fatturi umani speċifiċi, flimkien mal-karatteristiċi tal-ħamrija u tal-klima, jiddeterminaw kif tiġi espressa r-rabta mal-IĠP Λευκωσία. B'mod partikolari, il-karatteristiċi tal-ħamrija ta' oriġini vulkanika, bi blat prinċipalment gabbro u diabase, it-terren muntanjuż wieqaf, l-altitudni relattivament għolja b'inklinazzjonijiet u ħamrija baxxa, it-temperatura, id-dawl tax-xemx, aktar xita u l-mod kif id-dwieli huma mħarrġa f'gobelet jew f'forma ta' sġajriet tradizzjonali jagħtu lill-inbejjed kollha minn din iż-żona ġeografika l-kontenut alkoħoliku eżuberanti tagħhom u lill-inbejjed ħomor l-istruttura tagħhom b'tannini robusti. Il-fatturi umani speċifiċi, flimkien mal-karatteristiċi tal-ħamrija u tal-klima, jiddeterminaw kif tiġi espressa r-rabta mal-IĠP Λευκωσία.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Il-vinifikazzjoni trid issir fiż-żona definita nnifisha jew fil-viċinanza immedjata.

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga għall-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

F'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali (l-Att Amministrattiv Regolatorju (RAA) 536/2014), il-vinifikazzjoni sseħħ fiż-żona definita nnifisha jew fil-viċinanza immedjata.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Dettalji obbligatorji dwar il-kontenut taz-zokkor tal-inbid

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

F'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali (RAA 52/2016), id-dettalji relatati mal-kontenut taz-zokkor tal-inbid issa huma obbligatorji.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Indikazzjoni obbligatorja tas-sena tal-vendemmja

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

F'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali (RAA 52/2016), l-indikazzjoni tas-sena tal-vendemmja issa hija obbligatorja. L-obbligu ma japplikax għal imballaġġ b'volum nominali ugwali għal jew inqas minn 200 millilitru, jew għal inbejjed li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-indikazzjoni fakultattiva tas-sena tal-vendemmja, kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2019/33.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://bit.ly/3SFwsM8